# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2019**

**Numru 6**

**Rikors Numru 1164/12 TA**

**Christopher Abela, Jason John Desira, Vincent Spiteri, Anthony Pace, Clint Muscat, Josef Zammit, Dione Degabriele, u Eric Charles Camilleri**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' Christopher Abela u oħrajn presentat fit-23 ta' ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> "Illi l-esponenti jinsabu akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bi ksur tal-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap 438 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan kif jirriżulta mill-annessi atti ta' akkuża;
>
> Illi entro i termini tal-Artikolu 74(2) ta' l-Att fuq imsemmi, l-ebda proċedura m'ghandha tiġi istitwita qabel ma' l-Avukat Ġenerali joħroġ is-sanzjoni tiegħu;
>
> Illi skont l-Artikolu 67 (1) ta' l-istess Att, l-Avukat Ġenerali, qabel ma jagħti s-sanzjoni tiegħu, għandu jiċċertifika l-piena adegwata;

Illi fil-każ odjern l-Avukat Ġenerali għoġbu jiċċertifika l-piena adegwata bħala dik l-aktar severa ikkontemplata fil-liġi, u dana bla ma provda ebda raġuni u/jew bla ma semgħa lill-esponenti;

Illi fl-4 ta' Mejju 2012 l-esponenti, permezz tar-rappreżentanti legali tagħhom, talbu sabiex jiltaqaw mal-Avukat Ġenerali bil-għan illi huwa jirrevedi s-sanzjonijiet tiegħu, wara li jkun semgħa lill-partijiet;

Illi fl-24 ta' Mejju 2012 l-Avukat Ġenerali rrisponda li huwa ma kienx f'posizzjon illi jvarja s-sanzjoni tiegħu u dan peress li fil-fehma tiegħu ma kienx hemm l-estremi sabiex tiġi applikata l-piena minuri, u dan minkejja li ma kienx semgħa lill-esponenti;

Illi kif jirriżulta mill-istess ittra responsiva tal-Avukat Ġenerali huwa għal darba oħra naqas milli jagħti raġuni valida għad-deċiżjoni tiegħu;

Illi d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali għandha tiġi dikjarata nulla, invalida u bla effett fil-liġi u dan għas-segwenti raġunijiet:

(i) Fl-ewwel lok, l-għemil tal-Avukat Ġenerali jilledi d-dritt għas-smiegħ xieraq tal-esponenti kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(ii) Fit-tieni lok, l-istess għemil huwa *ultra vires* peress illi jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u huwa abbużiv.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joġgħobha:

(i) Tiddikjara nulla, invalida jew bla effett fil-liġi l-għemil tal-Avukat Ġenerali fil-konfront tal-esponenti u dan għar-raġunijiet kollha suesposti;

(ii) Tiddikjara li l-għemil ta' l-Avukat Ġenerali illeda d-dritt fundamentali ta' l-esponenti kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(iii) Tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni biex jiġu rimedjati l-leżjonijiet fuq imsemmija fil-konfront ta' l-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2013 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

“1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċepixxi l-inamissibilita’ t-talba rikorrenti stante illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda vaga u mhux identifikat x’inhu d-dritt illi fuqu hija bażata l-azzjoni;

2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxi l-irritwalita’ tar-rikros ġuramentat in risposta kif redatt u dan stante illi ma jikkontjenix lista ta’ xhieda ai termini ta’ l-Artikolu 156 (4) tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta);

3. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors ġuramentat in risposta huwa irritwali u null kif redatt bħala azzjoni li tħallat talbiet taħt il-liġi ordinarja ma talbiet taħt il-Kapitolu 319 u l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u b’mod partikolari, in kwantu huwa azzjoni dwar allegat ksur ta’ Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem huwa null billi ma huwiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati;

4. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħed jeċepixxi formalment illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta bit-trapass ta’ aktar minn sena id-data meta ittieħdet id-deċiżjoni illi r-reati li bihom jinsabu akkużati r-rikorrenti mhumiex rejati fejn huwa idoneju li tiġi applikata l-piena l-baxxa;

5. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti formalment jeċepixxi l-inapplikabilita’ ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u dan in kwantu illi l-premessi ta’ l-azzjoni huma diretti għal kisba ta’ dikjarazzjoni illi d-deċiżjoni ta’ l-esponent dwar jekk il-każ jipprestax ruħhu għall-applikazzjoni tal-piena l-baxxa tikkostitwixxi egħmil amministrattiv. Dan peress illi dina d-deċiżjoni ma tinkwadrax ruħha taħt it-tifsira ta’ “egħmil amministrattiv” fis-subinċiż 2 ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijieit ta’ Malta;

6. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti formalment jeċipixxi l-inapplikabilita’ ta’ azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju għall-ħruġ ta’ deċiżjoni li ssir ai termini ta’ l-Artikolu 74 (2) ta’ l-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap. 438 tal-Liġijiet ta’ Malta) u dan stante illi l-esponenti huwa vestit mill-Kostituzzjoni sabiex jaqdi dik is-setgħa indipendenti tiegħu (Artikolu 91 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta) dwar il-prosekuzzjonijiet f’liema eżerċizzju l-esponenti ma jistax ikun suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta’ ebda persuna jew awtorita’ oħra;

7. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondat fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir ta’ l-esponenti ċertament illi mhuwiex *ultra vires* jew abbużiv jew li jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-esponenti dejjem

aġixxa korrettement skont il-Liġi u fil-parametri mposti mil-Liġi. Isegwi għalhekk illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

9. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diskrezzjoni illi ntużat mil-esponenti ma kinitx waħda arbitrarja iżda saret abbażi ta' l-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija mil-liema investigazzjoni rriżulta li r-rikorrenti kienu qed jiksru liġijiet ta' natura fiskali bir-riżultat li kienet qed tinħoloq kompetizzjoni inġusta a skapitu potenzjali tal-ġokatur u ta' l-erarju pubbliku li kien qiegħed jiġi defrodat;

10. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxi wkoll illi l-kawża odjerna hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux kawża kostituzzjonali u fi kwalunwe każ filwaqt li jirrespinġi kull allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt għas-smiegħ xieraq ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in konfront tar-rikorrenti, jeċepixxi illi l-funzjoni ta' l-esponenti li toħrog mill-Artiklu 74 (2) tal-Kap. 438 ta-Liġijiet ta' Malta mhix sinonima mal-funzjoni ta' ġudikant. Il-fatt illi dan l-artikolu jimponi li l-ebda proċedimenti għal reati kontra l-Kap. 438 ma għandhom jinbdew mingħajr is-sanzjoni ta' l-esponenti ma jfissirx illi b'xi mod l-esponenti jikkonverti ruħhu f'Imħallef jew Maġistrat u dan, *inter alia*, peress illi bid-deċiżjoni tiegħu illi r-reati ma għandhomx jattiraw il-piena baxxa l-esponent ma qiegħed jiddetermina ebda dritt jew obbligu ċivili jew akkuża kriminali. Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'diversi okkażjonijiet ippronunzjat ruħha dwar it-tifsira ta' qorti indipendenti u imparzjali u fl-ebda okkażjoni ma sabu illi l-funzjoni li minnha qiegħed jilmenta r-rikorrenti hija in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illi l-esponenti ma għandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkużat jinstabx ħati jew le u dan peress illi tali deċiżjoni tittieħed mill-organu kompetenti illi hija l-Qorti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

12. Bl-ispejjeż."

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2013, il-partijiet qablu li l-kawża tħalliet għall-provi u trattazzjoni tat-tieni, t-tielet, r-raba u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari (a' fol 18);

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019 il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni fuq it-tielet, ir-raba u l-ħames eċċezzjoni (a' fol 58);

Rat li b'danakollu fin-nota ta' osservazzjonijiet rispettiva tal-partijiet ġiet trattata wkoll it-tieni eċċezzjoni;

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din is-sentenza ser tkun qed titratta t-tieni, it-tielet, ir-raba u ħames eċċezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għal deċizjoni fuq l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-Atturi ġew akkużati li kkontravenew id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor, u ċioe' il-Kap 438 tal-Liġijiet ta' Malta. L-akkużi speċifiċi huma riflessi fiċ-ċitazzjonijiet li ħarġu kontra tagħhom il-Pulizija Esekuttiva ta' Malta (a' fol 4 u 5 ). Sabiex jinbdew dawn il-proċeduri kienet meħtieġa s-sanzjoni tal-Avukat Ġenerali in virtu tal-artiklu 74(2) tal-Att fuq imsemmi liema sanzjoni kienet inħarġet (ara dokumenti a' fol 20, 21, 22, u 23).

**2.** B'ittra tal-4 ta' Mejju 2012, il-Konsulenti legali tal-Atturi, kitbu lill-Avukat Ġenerali bil-għan li jiddiskutu miegħu kienx il-każ li fiċ-ċirkostanzi jiġi applikat it-tielet proviso tal-artikolu 67(1) tal-Att fuq imsemmi, b'hekk il-piena li tkun tista' tiġi inflitta tkun dik fil-minimu li tippermetti l-liġi (ara dokument a' fol 24). B'ittra responsiva tal-24 ta' Mejju 2012, l-Avukat

Ġenerali wieġeb illi minħabba n-natura tal-attivita' illegali li kienu akkużati biha l-Atturi, is-sitwazzjoni ma kienitx tali li tippermettilu li r-rejati jkunu puniti bl-applikazzjoni ta' multa, li fil-minimu tagħha setgħet tkun fl-ammont ta' €250 (ara dok a' fol 6).

**3.** Minħabba l-posizzjoni li ħa l-Avukat Ġenerali, kemm meta inħarġu l-akkużi u kif ukoll bit-tweġiba tiegħu fuq imsemmija, u meta fiż-żewġ okkażjonijiet ma tax raġuni valida u l-anqas ma ta smiegħ lill-Atturi, dawn qegħdin jilmentaw li d-deċiżjoni li ħa għandha tiġi dikjarata nulla, invalida u bla effett. Dan huwa ukoll spjegat fir-rikors tagħhom.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**4.** Kif jirriżulta mill-verbal tal-24 ta' Settembru 2019 u minn nota presentata tas-26 ta' Settembru 2019, l-azzjoni tal-Atturi hija msejsa fuq l-artikolu 469A(1)(a) u (b)(ii) u (iii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi ftit kliem, l-Atturi qegħdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex tistħarreġ il-validita' tal-għemil amministrattiv tal-Avukat Ġenerali. Din id-diskrezzjoni hija konferita lill-Avukat Ġenerali bis-saħħa tal-artikolu 67(2) tal-Kap 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

**5.** Din hija azzjoni li tnisslet minn azzjoni oħra anglosassona kommunament magħrufa bħala *"judicial review of administrative discretion"*. Kif jispjegaw tajjeb O. Hood Philips u Paul Jackson:

*"As a general principle it can be said that the Courts do not concern themselves with the wisdom of the particular decision; they cannot, as it is said, examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires, or whether the procedure followed in reaching the decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice. A decision may also be opened to review because it is one that no reasonable body could have reaches."* (**O. Hood. Philips and Jackson, Constitutional and Administrative Law. 8th Edition, pg 698**).

**6.** Dan il-prinċipju ilu jiġi segwit mill-Qrati Maltin qabel ma saret il-kodifikazzjoni tiegħu permezz tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Prinċipju li dejjem kien abbraċċjat mill-Qrati Maltin. Di fatti dawn il-Qrati jgħallmu li *"Fid-Dritt Amministrattiv Malti, li huwa fondat fuq id-dritt Ingliż (ara **"Cassar Desain vs Forbes noe" - Qorti ta` l-Appell - 7 ta` Jannar 1935 u "Lowell et vs Caruana et" Prim`Awla tal-Qorti Ċivili - 14 ta` Awwissu 1972**) kemm il-prinċipju tal-judicial review kif ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja naturali kienu ilhom jiġu applikati ferm qabel il-Parlament Malti għamel liġijiet ad hoc sabiex jirregola l-materja. Dan seħħ għaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirriżulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergħa tad-Dritt Pubbliku) għandha tapplika l-Liġi Ingliża."* (ara **Sentenza tal-PA per Imħallef J. Zammit Mckeon fl-ismijiet CCD Ltd -vs- Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta tas-17 ta' Ġunju, 2013**).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**7.** Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex tikkunsidra waħda waħda l-eċċezzjonijiet mertu ta' din is-Sentenza fid-dawl tal-azzjoni kif proposta u ta' tagħlim ġurisprudenzjali fuq il-materja.

**L-irritwalita' tar-rikors ġuramentat għax nieqes minn lista' ta' xhieda**

**8.** Huwa minnu li artiklu 156(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li l-Attur għandu, mad-dikjarazzjoni jipprovdi l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jressaq. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti dan ma sarx. Il-Qorti hi tal-fehma li din ma tammontax għal dik ix-xorta ta' irritwalita' proċedurali li twassal għall-annullament tal-iskrittura jew tal-att li għandha quddiemha.

**9.** Di fatti anke l-istess konvenut fin-nota tiegħu jammetti, li b'din l-eċċezzjoni mhux qiegħed jitlob in-nullita' tal-att promotur, iżda qed jeċċepixxi dan in-nuqqas sabiex jiġi dikjarat minn din il-Qorti biex f'każ li jiġi kkunsidrat il-mertu, l-Atturi ma jittentawx jitolbu li jressqu l-provi. Dwar din ix-xorta ta' dikjarazzjoni l-Qorti ser tagħmel il-kummenti tagħha aktar 'l isfel.

**10.** Qabel xejn, dawn il-Qrati dejjem sostnew, li l-annullament ta' att għandu jsir bħala miżura *in extremis* fis-sens, li dan isir biss meta ma jkunx jista' jissewwa l-iżball jew in-nuqqas mingħajr ma jġib ebda ħsara jew preġudizzju lill-parti l-oħra. Ix-xorta ta' karenza li għandha quddiemha

din il-Qorti, ma taqa' f'ebda waħda minn dawk l-istanzi li ta l-artiklu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-Qorti trid bil-fors tannulla l-att. Jekk qatt, dan in-nuqqas jista' jolqot biss l-interessi tal-Atturi meta jkun meħtieg li jiġi kkunsidrat il-mertu.

**11.** Din il-Qorti hija wkoll konsapevoli tal-ermenawtika ġurisprudenzjali tagħna, fejn ir-rigorożita' formali ġiet imrattba tul is-snin sabiex "issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ". (ara **Michael Attard nomine vs Raymond Galea - Q.A. - deċiża fit-12 ta` Mejju 199**8) u "kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożita` proċedurali u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża." (ara **Aquilina vs Cassar" – Vol.LXXVI.iv.666. Ara wkoll "James Demanuele vs Elena Maria Felice" P.A. deċiża fit-30 ta` April 2002).**

**12.** L-anqas ma huwa l-każ li din il-Qorti toqgħod tagħmel dikjarazzjoni fis-sens kif talab il-Konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fuq dan il-punt (ara a' fol 28). In-nuqqas inkwistjoni huwa dak li hu u l-konsegwenzi huma dawk li huma meta u jekk ikun il-każ li jiġi kkunsidrat il-mertu tal-kawża. Kull dikjarazzjoni f'dan l-istadju tal-Kawza tkun prematura.

**13.** Dan ifisser li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut ser tiġi miċħuda.

***It-tielet eċċezzjoni preliminari: il-Kawza hija ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux waħda ta' natura Kostituzzjonali***

**14.** Il-Konvenut jilmenta li r-rikors ma hux ċar biżżejjed biex jinftiehem bi preċizjoni jekk l-Atturi humiex jilmentaw minn ksur ta' dritt fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, specifikament l-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament u kif ukoll li l-għemil tal-Konvenut huwa *ultra vires* fis-sens kif jiddisponi l-artiklu 469A (1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero' fil-kors tal-kawża saru diversi kjarifiki minn naħa tal-Atturi biex jiċċaraw l-oġġettiv *in subiecta materia* tal-azzjoni tagħhom.

**15.** Fil-fatt jidher li il-problema ta' kjarifika li diġa' qamet fit-13 ta' Marzu 2013. Di fatti dak in-nhar, ġie verbalizzat mill-avukat tal-Atturi, li sa fejn jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, ħlief għat-tieni talba, l-azzjoni odjerna hija imsejsa fuq l-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero' fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019, wara li l-Qorti talbet xi kjarifiki dwar it-talbiet, l-avukat tal-Atturi vverbalizza, li dawn huma msejsa abbażi tal-artikolu 469A (1)(a) u (b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'nota imressqa jumejn wara żied il-(1)(b)(iii). Għalhekk din il-Qorti ser tqis l-aspett Kostituzzjonali taħt artikolu 469A(1)(a).

**16.** Il-Qorti pero' tinnota, li fit-tieni talba tagħhom l-Atturi jitolbu dikjarazzjoni fis-sens, li l-Avukat Ġenerali lleda d-dritt fundamentali tal-esponenti kif sanċit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem. F'din it-talba ma hemm ebda referenza għall-artiklu 39 tal-

Kostituzzjoni, anke jekk qabel din ir-referenza saret fl-aggravji tar-rikors ġuramentat.

**17.** Il-Qorti hija konsapevoli li "*Fl-għoti tad-deċiżjoni l-ġudikant għandu joqgħod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u in partikolari ta' dak mitlub mill-attur*" **(**ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras, fl-ismijiet Stephen Sciberras -vs- Avukat Francesco Depasquale tad-9 ta' Diċembru, 2002).** B'dan kollu, b'sens ta' ġustizzja, il-Qorti tħoss li t-talbiet għandhom jinqraw fid-dawl tal-aggravji li jkunu tressqu fir-rikors ġuramentat. Di fatti artiklu 156 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li d-dikjarazzjoni trid tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett sabiex issaħħaħ it-talbiet. Għalhekk sa fejn jirrigwarda it-tieni talba, fid-dawl tal-aggravji fir-rikors ġuramentat, din ser tittieħed li qed tirreferi ukoll għall-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

**18.** Ġaladarba, għalhekk, l-aspett Kostituzzjonali qed ikun impernjat fuq l-artiklu 469A(1)(a), u dan kif anke ivverbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti tibda biex tirrileva dan li ġej. Sa fejn qed issir referenza għall-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, l-artiklu inkwistjoni ma hux applikabbli. L-artiklu inkwistjoni jagħmilha ċara, li l-għemil lamentat għandu jkun bi ksur tal-Kostituzzjoni. L-anqas ma tista' din il-Qorti tapplika l-prinċipju tal-ekwipollenza, għaliex il-Qrati tagħna iddeċidew u fissru l-kriterju tal-ekwipollenza billi stqarru illi "l-ekwipollenza teżisti biss meta *si tratta* tal-istess ħaġa li qed tingħad bi kliem differenti", dan kif

deċiż fil-kawża fl-ismijiet mill-**Qorti tal-Kummerċ fis-Sentenza fl-ismijiet Barbara *vs* Parnis England *et noe* tas-16 ta' Mejju 1957**. Issa huwa paċifiku li kemm Kapitlu 4 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, jirreferu ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, pero' dan jagħmluh b'mod differenti u ma humiex l-istess ħaġa. Dan il-kunċett ta' ekwipollenza jissussisti biss meta talba impliċitament tkun kompriża fid-domanda magħmula fl-att taċ-ċitazzjoni iżda mhux espressament mitluba u dan kif deċiż fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cassar *vs* Pace tal-14 ta' Diċembru 1962.** Iżda f'dan il-każ tintlaqat il-kelma espressa tal-liġi. Kieku l-leġislatur ried li l-artikolu 469A(1)(a) japplika ukoll għall-Konvenzjoni, kellu ż-żmien kollu biex jagħmlu sa mill-1987. Dan ma għamlux u *ubi lex voluit dixit.*

**19.** Sa fejn jirrigwarda ksur tal-Kostituzzjoni taħt artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qrati tagħna, waslu għal konklużjonijiet differenti. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fit-12 ta' Novembru 2001**, intqal li għemil amministrattiv jista' jiġi dikjarat null, invalidu jew mingħajr effett meta dak l-għemil jikser il-Kostituzzjoni – inkluż ukoll id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem.

**20.** B'dana kollu fis-**Sentenza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija, deċiża fit-2 ta' Novembru 2001,** il-Qorti kienet esprimiet ruħha hekk:

*"... ... l-ġurisprudenza ta' din il-qorti f'dawn l-aħħar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinċiż (1)(a) ta' l-artikolu 469a fi sforz biex tiċċara sa fejn din id-disposizzjoni setgħet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-ġurisdizzjoni oriġinali mogħtija mill-istess prim awla tal-Qorti Ċivili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 magħdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun ġiet jew tkun ser tiġi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*

*Il-prinċipju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqgħu separati u distinti anke għaliex ir-rikors taħt kull kompetenza hu regolat bi proċeduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif ġja` ġie rilevat f'ġudikati oħra, ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A taħt ċerti aspetti kien wieħed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-għazla tar-rimedju xieraq li setgħet takkorda.*

*Kif aċċennat, l-egħmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ħafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-każijiet kollha, is-subinċiż (1)(a) taħt eżami issib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-oħra, l-aġir amministrattiv ikun allegatament leżiv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le*

*koperta taħt il-ligi ordinarja ... ... Fejn dawn il-liġijiet jagħtu rimedju għall-leżjoni – u fost dawn il-liġijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunal ordinarji qabel ma jirrikorri finalment għar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ....*

*... ... Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikonċilja dan l-inċiż (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzjoni bażata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun aċċessibbli f'dawk il-każijiet fejn ir-rimedju effettiv għal leżjoni subita ma setax jingħata taħt l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux għal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva. Mill-banda l-oħra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-leġislatur oriġinarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inciż (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduċi u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setgħet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inklużi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi oriġinarjament l-inċiż (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll għall-inċiż (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-leġislatur ġie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika għal egħmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana*

***bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero` bl-ebda mod ma ċċarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza ċivili u l-kompetenza kostituzzjonali."***

**21.** Dan it-tagħlim ġie segwit fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Christopher Hall -vs- Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali tat-18 ta' Settembru 2009** fejn fost osservazzjonijiet li għamlet dik il-Qorti qalet hekk:

*"Fi kliem ieħor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tiġi risolta darba għal dejjem, ċioe` anke għal każijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il-Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni minn għemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – ċioe` li wieħed għandu jżomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili separati u distinti – il-kliem "imur mod ieħor kontra l-liġi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi għal kwalsiasi liġi ad esklużjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 (u dan kuntrarjament għal dak li donnha rriteniet il-Prim Awla fis-sentenza tagħha fil-każ ta'* ***Raymond Farrugia****."*

**22.** Din il-Qorti taqbel mat-tagħlim kif espost fis-Sentenza ta' Christopher Hall. Ix-xorta ta' ksur Kostituzzjonali li qed jirravisa l-artikolu 469A(1)(a) ma hux dak li jirrigwarda dritt fundamentali, iżda drittijiet oħra taċ-ċittadin li huma protetti mill-Kostituzzjoni li pero' ma jaqgħux fil-kategorija tad-drittijiet elenkati f'Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni. Ma hiex ħaġa insolita li jingħata dan ix-xorta ta' dritt ta' natura kostituzzjonali, esklużi pero' mill-operazzjoni u eżerċizzju tiegħu, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħal ma huwa fil-każ ta' artiklu 116 tal-istess Kostituzzjoni.

**23.** Għalhekk fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, inkwantu l-pretensjoni tal-Atturi hija mibnija fuq l-artiklu 469A(1)(a) din ser tkun miċħuda.

***Ir-Raba' eċċezzjoni: l-azzjoni hija tardiva***

**24.** Din l-eċċezzjoni hija fir-rigward tal-azzjoni proposta mill-Atturi abbażi tal-Artikolu 469A(1)(b)(i)(ii)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ewwel ma jrid jiġi rilevat huwa, li ż-żmien stabbilit ta' sitt (6) xhur għall-eżerċizzju tal-azzjoni biex ikun impunjat għemil *ultra vires* taħt l-artikolu 469A(1)(b) huwa wieħed perentorju. Ma hemm xejn li jwaqqaf jew jinterrompi l-mixi tiegħu (ara **Sentenza fl-ismijiet Jane Gatt -vs- Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Prim Awla per Imħallef J.R Micallef tal-24 ta' April 2013 u Sentenza tal-Qorti tal-**

**Appell tat-30 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Logitenent Kurunell Andrew Mallia -vs- Kap Kmandant, Forzi ta' Malta et).**

**25.** Għalhekk fid-dawl tal-eċċezzjoni mogħtija mill-Konvenut, din il-Qorti trid tifli l-kronoloġija ta' kif ġraw l-avvenimenti li waslu biex l-azzjoni tiġi presentata fit-23 ta' Novembru 2012 u konsegwentement ġewx rispettati t-termini ta' żminijiet f'artikolu 469A(3). Dan jista' jsir minn eżami tad-dokumenti u kif ukoll mit-tifsila tar-rikors ġuramentat.

**26.** L-Atturi esebew ittra mar-Rikors tagħhom li għandha d-data tal-24 ta' Mejju 2012 (a' fol 6). Din hija ittra mibgħuta lil wieħed mill-konsulenti tagħhom fejn b'referenza għall-ittra oħra datat 4 ta' Mejju 2012, il-Konvenut Avukat Ġenerali wieġeb li ma kienx lest li jiċċertifika li r-rejati addebitati lill-Atturi fil-proċeduri kriminali setgħu ikunu adegwatament puniti bil-minimu ta' piena taħt il-Kap 438 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-ittra tal-4 ta' Mejju 2012 fuq imsemmija mibgħuta mill-konsulenti legali tal-Atturi jemerġi ukoll, li l-Atturi kienu diġa' tressqu l-Qorti qabel dik id-data u li kienu ukoll konsapevoli li l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob il-massimu tal-piena. Li ma kienx hekk, ma kienux jiktbu l-ittra tal-4 ta' Mejju 2012.

**27.** L-ilment tal-Atturi jikkonsisti fil-fatt, li l-Avukat Ġenerali messu l-ewwel sema' x'kellhom xi għidu l-Atturi u li naqas li jagħti raġuni għalfejn iddeċieda il-mod kif iddeċieda. Di fatti, fir-raba' premessa tar-rikors ġuramentat l-Atturi jilmentaw li *"l-Avukat Ġenerali għogbu jiċċertifika l-piena adegwata bħala dik l-aktar severa kkontemplata fil-liġi,* ***u dan bla***

***ma provda ebda raġuni valida u/jew bla ma semgħa lil-esponenti*** " (emfażi tal-Qorti)**.** Din il-Qorti tikkonkludi li l-Atturi qegħdin iqiesu li d-drittijiet tagħhom inkisru mill-mument li tressqu l-Qorti jekk mhux ukoll minn meta kienu notifikati l-ewwel darba bl-akkużi. Dan qed jingħad għaliex wara t-tweġiba tal-Avukat Ġenerali fuq imsemmija, fis-sebgħa premessa tagħhom għidu hekk: *"Illi kif irrisulta mill-istess ittra responsiva tal-Avukat Ġenerali huwa* ***għal darba oħra*** *naqas li jagħti raġni valida għad-deċiżjoni tiegħu."*" (Emfażi ta' din il-Qorti). Għalhekk jemerġi ċar, li l-*puncto temporis* ta' meta kienu konsapevoli jew jekk qatt setgħu kienu konsapevoli bl-allegat ksur tad-drittijiet tagħhom ma kienx minn meta irċevew ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, jiġifieri fl-24 ta' Mejju 2012 iżda qabel l-4 ta' Mejju 2012. Li ma kienx hekk, ma jilmentawx li l-Avukat Ġenerali ma tahomx widen **għal darba oħra.** Dan ifisser, illi sabiex jiġi stabbilit jekk l-azzjoni saritx entro ż-żmien stabbilit taħt artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha f'kalkolu matematiku. Għalhekk minn eżami tal-kronoloġija tal-avvenimenti, dokumenti esebiti u mit-tifsila tar-rikors ġuramentat u meta ġie presentat dan ir-rikors, din il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li l-azzjoni kif esperita mill-Atturi hija perenta.

**28.** Konsegwentement fid-dawl ta' dawn il-Konstatazzjonijiet l-anqas hemm ħtieġa li din il-Qorti tinvesti l-ħames eċċezzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni** tal-Konvenut fil-waqt li qegħdha **tilqa' ir-raba' eċċezzjon**i u **tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni.**

Konsegwentement qegħdha **tiċħad** it-talbiet kollha tal-Atturi.

Spejjes tal-kawża għandhom ikunu sopportati kwantu għal erbgħa minn ħames ($^{4}/_{5}$) mill-Atturi u kwantu għal wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mill-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**